# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 12 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 233/01**

**Numru 38**

**Maltcom plc**

**vs**

**Louay Ramadan**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' hames mija u disgha u sebghin lira Maltin u erbgha centezmi (Lm579.04) rappresentanti ammont dovut in konessjoni ma' servizz telefoniku prestat lill-konvenut bin-numru telefoniku 227145 u dana skond ma kif jidher mill-prospett (Dok A) anness mal-avviz u skond agreement (Dok B).

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra bonarja datata 24 ta' Jannar 2001 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti a fol 2 u 3 tal-atti, markati Dok A u Dok B.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-30 ta' Mejju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm579.04,0 bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Marzu 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-24 ta' Jannar 2001.

Alan Calleja
Dep.Reg